# IL-PROĠETT

Bħala parti mill-assessjar kontinwu fir-Raba' Sena tal-Primarja

## A: IL-PROĠETT – linji gwida

1. Għandu jsir proġett wieħed, individwali minn kull student/a.
2. Il-proġett għandu jitlesta mill-istudenti u jiġi assessjat mill-għalliema.
3. Fil-każ ta' INTERVISTI, DJARJI, REĊTI u RAPPORTI, in-numru ta' kliem għandu jkun ta' bejn 150 u 350 kelma.
4. Il-preżentazzjonijiet *powerpoint* għandhom jinħadmu f'mhux inqas minn 8 *slides*, mhux iktar minn 20 *slide*. Fil-każ tal-*powerpoints* wieħed għandu jifhem l-importanza ta' kapxins rilevanti, effettivi u f'posthom. Il-kitba użata fil-preżentazzjoni, inklużi t-titli u l-kapxins, m'għandhiex tkun inqas minn 150 kelma u mhux iktar minn 350.
5. Fil-każ ta' *scrapbook, project book* jew *A4 copybook*, m'għandux ikun hemm iktar minn 20 paġna, li jinkludu kemm ritratti, illustrazzjonijiet (*diagrams*) u *text*. It-*text* għandu jkun bejn 150 u 350 kelma. Ma jitnaqqsux marki jekk il-proġett ma jkunx ittajpjat/ipprintjat, basta l-kitba tkun pulita u tingħaraf sew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-organizzazzjoni tal-proġett.
6. F'xi proġetti, dejjem jekk dan ikun jixraq u rilevanti, tista' tintuża għodda elettronika interattiva.
7. Filwaqt li għandu jsir kull sforz possibbli biex l-istudenti kollha jaħdmu proġett skont il-kriterji stabbiliti, nifhmu li dan mhux dejjem ikun possibbli. Fil-każ ta' studenti bi ħtiġijiet partikolari fit-tagħlim, hija fid-diskrezzjoni tal-għalliema u l-LSEs li jaraw li jaħdmu proġett fil-livell/i tagħhom.
8. Il-proġett jista' jinħadem bil-lingwa Ingliża imma t-titlu għandu jidher fl-oriġinal tiegħu bil-lingwa Maltija.
9. It-titlu tal-Proġett kif ukoll id-deskrizzjoni sħiħa tiegħu għandhom jidhru b'mod prominenti fil-bidu ta' kull proġett.

## B (i): IL-LISTA TA’ PROĠETTI GĦAR-4 SENA PRIMARJA
## Sena A – sena skolastika 2024 – 2025

(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **Inqabblu l-Belt jew Raħal Tagħna ma’ Belt jew Raħal Ieħor Malti jew Għawdxi** – Permezz ta’ intervisti, korrispondenza bl-email jew xi mezz ieħor ta’ komunikazzjoni, qabbel il-belt jew raħal tiegħek ma’ lokalità oħra. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta’ ritratti. Semmi kemm xi affarijiet li huma l-istess kif ukoll affarijiet li huma differenti.

2. **Jum il-Belt jew Raħal Tagħna** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar Jum il-Belt jew Raħal tiegħek. Għid għaliex jiġi ċċelebrat dan il-jum. Semmi x’tip ta’ ċelebrazzjonijiet isiru biex jitfakkar dal-jum.

3. **Artiklu: Kif Nistgħu Ntejbu r-Raħal jew Belt Tagħna** – Ikteb artiklu biex jiġi ppubblikat fil-fuljett li joħroġ il-Kunsill Lokali. Fl-artiklu agħmel suġġerimenti dwar xi bidliet u titjib li tixtieq tara fir-raħal jew belt tiegħek.

4. **Intervista lis-sindku** – Agħmel intervista lis-sindku tal-lokalità tiegħek; staqsi dwar id-diffikultajiet li s-Sindki jiltaqgħu magħhom fit-tmexxija tal-belt/raħal. Staqsi wkoll dwar is-suċċessi li kellu jew li kellha fit-tmexxija tal-lokalità.

5. **Nies Li Jgħinuna fil-Komunità** – Agħżel erbgħa (4) minn dawn li ġejjin: l-għalliem, it-tabib, il-qassis, il-pulizija, il-kunsillier, il-warden. Ikteb dwar l-erba’ persuni li għażilt u għid kif dawn qegħdin jgħinu biex il-komunità tagħna timxi ’l quddiem. Fil-kitba tiegħek inkludi informazzjoni dwar ix-xogħlijiet differenti li jagħmlu għall-ġid tagħna dawn l-erba’ persuni.

6. **Kitba ta’ Djarju** – Immaġina li inti xi wieħed jew waħda minn dawn: għalliem/a, tabib/a, pulizija, kunsillier/a, sindku, *warden*, kappillan. Oħloq djarju mifrux fuq ħamest ijiem fejn tgħid x’għamilt, tirrakkonta xi fatti li ġrawlek, xi avventuri li kellek. Għid kif ħassejtek meta qdejt dmirek sew.

7. **Innaddfu Beltna jew Raħalna** – Aħdem proġett u fih għid kif nistgħu nieħdu ħsieb l-ambjent tal-belt/raħal tagħna; għid kif dan l-ambjent nistgħu nagħmluh iktar nadif u ħieles mill-perikli. Tista’ tinkludi ritratti tal-postijiet li jistgħu jitjiebu kemm fid-dehra tagħhom.

8. **Qabbel Parti Antika ma’ Parti Ġdida tal-Belt jew Raħal Tiegħek** – Agħmel riċerka u aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar ir-raħal tiegħek. Il-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-parroċċa, mill-każini u/jew il-kunsill lokali tar-raħal tiegħek jistgħu jgħinuk. Sib ritratti antiki u qabbel id-dehra antika ma’ dik moderna. Ikteb dwar, kemm id-differenzi li tinnota kif ukoll xi affarijiet li baqgħu l-istess.

9. **Dawra mar-Raħal** – Dur dawra mar-raħal tiegħek u ħu ritratti tal-postijiet storiċi li ssib. Ħu ritratti wkoll tal-istili li tosserva fil-bini, kif ukoll l-ornamenti li tara, pereżempju niċeċ, statwi, gallariji ġonna eċċ.. Ikteb rapport dwar id-dawra li dort u ikkummenta dwar l-ambjent li sibt meta kont qed iddur mar-raħal. Inkludi mappa tar-rotta li ħadt waqt id-dawra li dort.

10. **Dawra (*Tour*) mal-Belt jew Raħal** – Organizza dawra jew *tour* madwar il-belt jew raħal fejn toqgħod int, għal klassi tal-ħames sena primarja li ġejjin minn raħal ieħor. Ħu ħsieb kollox, fost affarijiet oħra t-trasport, informazzjoni, gwida, postijiet ta’ interess li bi ħsiebek teħodhom jaraw u fejn se jieqfu għal xi mumenti ta’ mistrieħ. Tista’ ssebbaħ il-proġett tiegħek b’xi ritratti.

11. **Il-Bliet u l-Irħula tal-Gżejjer Maltin** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-bliet u rħula tal-Gżejjer Maltin. Fuq mappa tal-Gżejjer Maltin immarka għaxar (10) bliet u rħula Maltin. Inkludi ritratt ta' kull wieħed minnhom. Ikteb dwar il-Gżejjer Maltin. Semmi l-popolazzjoni u għid kif hija mferrxa l-popolazzjoni madwar Malta u Għawdex.

12. **San Ġorġ Preca u l-MUSEUM** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar San Ġorġ Preca u l-għaqda tal-MUSEUM li hu waqqaf. Tkellem dwar il-ħajja ta' San Ġorġ u l-attivitajiet li għamel għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek b'ritratti u stampi.

13. **Dun Karm Psaila** – Agħmel riċerka dwar Dun Karm Psaila u ikteb l-istorja tiegħu fi kliemek. Għid għaliex illum l-istorja tiegħu għadna nistgħu nitgħallmu minnha. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek b'ritratti u stampi tat-tifkiriet (monumenti, busts, ismijiet ta' toroq eċċ.) li għandna f'pajjiżna llum.

## B (ii): IL-LISTA TA' PROĠETTI GĦAR-4 SENA PRIMARJA
## Sena B – sena skolastika 2025 – 2026

(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **L-Għaqdiet tar-Raħal jew Belt Tiegħi** – Agħmel riċerka u aħdem proġett jew preżentazzjoni dwar l-għaqdiet prinċipali li jinsabu fil-belt jew raħal tiegħek. Semmi l-iktar dawk l-għaqdiet, kemm reliġjużi kif ukoll ċivili, li fihom jattendu t-tfal. Għid għaliex l-għaqdiet huma importanti għall-edukazzjoni tagħna.

2. **Artiklu: Il-Pubblikazzjonijiet tal-Belt jew Raħal Tiegħi** – Agħmel riċerka biex imbagħad tkun tista' tibni artiklu fuq xi pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-għaqdiet tal-belt jew raħal tiegħek, fosthom il-Parroċċa, il-Kunsill Lokali, l-għaqdiet sportivi u l-għaqdiet mużikali. Fil-proġett agħmel il-lista tal-pubblikazzjonijiet li sibt. Sib artiklu wieħed li laqtek l-iktar u ikteb dwaru. Għid għaliex laqtek dan l-artiklu.

3. **Il-Karatteristiċi Ewlenin tal-Belt jew Raħal Tiegħi** – Dur dawra mal-belt jew raħal tiegħek u agħmel lista tal-karatteristiċi li tinnota. Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-karatteristiċi li nnutajt. Sebbaħ il-proġett jew preżentazzjoni b'ritratti li juru l-karatteristiċi li semmejt.

4. **Kif Nistgħu Nsebbħu lir-Raħal jew Belt Tagħna** – Immaġina li int perit; dur dawra mal-belt jew raħal fejn toqgħod, ħu r-ritratti, imbagħad agħmel proġett ta' tisbiħ għal-lokalità tiegħek. Għid x'tixtieq tirranġa u agħmel is-suġġerimenti li taħseb huma xierqa għall-ġid tal-lokalità tiegħek.

5. **Intervista ma' Persuna li Tgħinna fil-Komunità** – Agħżel WIEĦED/WAĦDA minn dawn li ġejjin: l-għalliem, it-tabib, il-qassis, il-pulizija, il-kunsillier, il-*warden*. Agħmel intervista lil din il-persuna u fiha ipprova sib kif ix-xogħol tagħha qiegħed ikun ta' ġid għall-komunità tagħna. Tista' ddaħħal xi ritratti biex turi x-xogħol li qed tagħmel din il-persuna.

6. **Ir-Raħal jew Belt Fejn Noqgħod** – Agħmel riċerka, imbagħad uża l-istess riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar ir-raħal tiegħek. Inkludi ritratti tal-postijiet ta' interess li wieħed jista' jsib fir-raħal u mappa li turi fejn jinsabu dawn il-postijiet ta' nteress.

7. **Il-Qalba tal-Belt jew Raħal Tiegħi** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-qalba antika tar-raħal jew belt tiegħek. Semmi l-bini interessanti li jinsab f'din il-biċċa tar-raħal / belt, u għid x'użu qed isir minn dal-bini llum. Inkludi ritratti u mappa ta' din il-biċċa tal-belt/raħal. Semmi xi problemi kif ukoll xi vantaġġi li jista' jkollok meta tkun toqgħod fil-qalba antika tal-belt/raħal.

8. **Intervista ma' Anzjan/a tar-raħal jew belt fejn noqogħod** – Agħmel intervista ma' anzjan jew anzjana li joqgħod jew toqgħod fil-belt jew raħal tiegħek. Waqt l-intervista ipprova skopri kif inbidel ir-raħal minn żmien it-tfulija tal-anzjan li ntervistajt sal-lum.

9. ***HERITAGE TRAIL* tal-Belt jew Raħal Tiegħek** – Il-ħabib jew ħabiba tiegħek se jżuru r-raħal tiegħek għall-ewwel darba. Iddisinja *heritage trail* u fih indika r-rotta li għandha tittieħed waqt din iż-żjara. Semmi l-postijiet li fihom għandha ssir żjara biex il-mawra tkun waħda interessanti. Inkludi ritratti u mappa biex ix-xogħol ikun iktar attraenti u interessanti.

10. **Niskopru Bliet u Rħula Maltin** – Flimkien mal-membri tal-familja jew qraba, żur żewġ (2) bliet u/jew irħula tal-Gżejjer Maltin biex imbagħad taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwarhom. Qabel iż-żjarat agħmel riċerka biex tiskopri xi siti interessanti tal-lokalitajiet li tkun għażilt. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek b'ritratti ta' dak li osservajt. Inkludi mappa tal-Gżejjer Maltin li turi fejn jiġu l-erba' bliet u/jew rħula li għażilt. (N.B. Tinkludix il-belt jew raħal fejn toqgħod).

11. **Infittxu t-Tifkiriet** – Fittex tifkiriet li jidhru madwarna (monumenti, ismijiet ta' toroq, busts eċċ.) li jfakkruna fil-personaġġi ta': Dun Mikiel Xerri, San Ġorġ Preca u Dun Karm Psaila. Ibni proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* bit-tifkiriet li sibt. Għid għaliex dawn it-tifkiriet huma importanti għalina.

12. **Dun Mikiel Xerri** – Agħmel riċerka dwar Dun Mikiel Xerri u ikteb l-istorja tiegħu fi kliemek. Għid għaliex illum wara iktar minn 200 sena l-istorja tiegħu għadna nitgħallmu minnha. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek b'ritratti u stampi tat-tifkiriet (monumenti, busts, ismijiet ta' toroq eċċ.) li għandna madwarna llum.

## C (i): Project Assessment Criteria

| Marks | Quality of work |
|---|---|
| 17 – 20 | **Excellent:** evidence (*photographs, pictures, drawings, information*) is ample and of different forms. It is all relevant to the project. Presentation (*introduction to the project, main items, conclusion*) has very good structure. |
| 13 – 16 | **Very Good**: evidence is sufficient and relevant to explain project. Presentation has a good stucture. |
| 9 – 12 | **Good**: evidence is sufficient and relevant to explain the project. Presentation has a weak structure but the main points are present. |
| 5 – 8 | **Fair**: evidence is limited and most of it is relevant to the project. Presentation lacks structure but a few main points are present. |
| 0 – 4 | **Poor:** evidence is very limited and most of it is not relevant to the project. Presentation lacks structure. |

## C (ii): L-Assessjar tal-Proġett

N.B. Għall-iskop ta' din l-għodda ta' assessjar,
(a) **L-EVIDENZA** tinkludi ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet u informazzjoni miġbura;
(b) **IL-PREŻENTAZZJONI** tinkludi l-introduzzjoni, it-temi prinċipali u l-konklużjoni.

| Marki | Kwalità tax-xogħol |
|---|---|
| 17 – 20 | **Eċċellenti**: hemm evidenza (*ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet, informazzjoni*) ċara u ta' diversi forom. L-evidenza kollha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni (*l-introduzzjoni*, *temi prinċipali, konklużjoni*) hija ppreżentata b'mod strutturat. |
| 13 – 16 | **Tajjeb ħafna**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. Il-preżentazzjoni għandha struttura tajba. |
| 9 – 12 | **Tajjeb**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. L-istruttura tal-preżentazzjoni m'hijiex tajba biżżejjed però l-punti prinċipali huma msemmija kollha. |
| 5 – 8 | **Mhux ħażin**: l-evidenza hija limitata imma l-biċċa l-kbira tagħha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni hija nieqsa mill-istruttura imma xi punti prinċipali huma msemmija. |
| 0 – 4 | **Fqir:** l-evidenza hija limitata ħafna u ħafna mill-evidenza m'hijiex rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni ma fihiex struttura. |

Tony Pace
Ex-Uffiċjal Edukattiv Primarja

Anthony Farrugia
Uffiċjal Edukattiv Primarja